MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 657/2009

**Merlin International Limited**

**vs**

**Robert Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici fejn prevja dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’, talab lil dan it-Tribunal, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett elef u sebgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,097.54), rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta’ attrici ghal servizz ta’ kiri ta’ karozzi, liema ammont baqa’ ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjes inkluz l-imghax legali mid-9 ta’ Marzu, 2009 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll ghall-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz.

Ra li s-socjeta’ attrici pprezentat nota ta’ riduzzjoni, li biha t-talba giet ridotta ghal elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

Ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenut.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut, permezz tan-nota ta’ ammissjoni tieghu li giet irregistrata ma’ dan it-Tribunal, ammetta ghal talba tas-socjeta’ attrici, u cioe’ li huwa debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elfejn u hames mitt Euro (€2,500), liema somma kienet tirrapprezenta bilanc dovut lejn is-socjeta’ attrici ghal servizz ta’ kiri ta’ karozzi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------